LIĠI PUBBLIKA

# L-ULTRA PETITA

## FID-DEĊIŻJONIJIET TAL-IPPJANAR



Robert Musumeci



# **Bijo**grafija

Dr Robert Musumeci kiseb PhD fil-liġi mill-Universita ta' Malta wara li, fl-2016, huwa rebaħ il-'*Best Doctor of Laws Thesis Award 2016'* għall- publikazzjoni *'The Development Planning Act 2016 - A critical Appraisal'*. Dr Musumeci kiseb ukoll *Master of Science in Conservation Technology for Masonry Buildings* lura fl-2004 mill- istess Universita' ta' Malta wara li ggradwa bħala perit fis-sena 1997. Dr Musumeci serva bħala ċermen tal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Industrija tal- Bini (*BICC*) bejn is-snin 1998 u 2008. Eventwalment huwa serva bħala konsulent tal-gvern Malti fejn kien strumentali fir-riformi wara d-*demerger* tal- Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l- Ippjanar, it-twaqqif ta' l- Awtorita' ta' l- Artijiet, l-emendi kostituzzjonali li jippermettu siġġijiet addizzjonali għas-sess sotto-rappreżentat l-introduzzjoni ta' liġi ġdida li tirregola l-aġenti tal-proprjeta' immobli kif ukoll il-liġi li waqqfet l-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni. Dr Musumeci huwa l-awtur tal-ktieb '*Selected Principles of Maltese Planning Law.*' (Kite 2021) Dr Musumeci huwa *senior lecturer* fi ħdan il-Fakulta' tal-Liġi fl-Universita' ta' Malta u jgħallem il-liġi tal-ippjanar u l-liġi amministrattiva. Dr Musumeci huwa l-ewwel detentur ta' *warrant* biex jipparattika bħala avukat u *warrant* biex jipprattika bħala perit.

Huwa prinċipju sagrosant li Tribunal ma jistax jemetti ġudizzju fuq xi ħaġa mhix rikjesta jew difiża mhix opposta. Jekk iseħħ dan, jiġi li l-ġudikant ikun qed jindaħal fil-poter dispożittiv tal-partijiet billi jaltera jew iżid elementi mal-*petitum* u l-*causa petendi* ta' l-azzjoni, jew mad-difiża (f'dal-każ l-Awtorita') għaliha, u b'hekk jattribwixxi jew jinnega, skond il-każ, lil xi wieħed mill-partijiet oġġett divers minn dak rikjest jew kompriż fid-domanda jew fl-eċċezzjoni.

Dan il-prinċipju huwa ben artikolat fis-sentenza fl-ismijiet **Jean Paul Busuttil -vs- L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**[1], fejn il-Qorti qalet hekk:

> *' Il-parametri tal-poteri tat-Tribunal u tal-Qorti huma cari. It-Tribunal obbligat jikkunsidra l-aggravji kollha ta' sustanza li jistghu jkollhom effett ghad-decizjoni pero ma ghandux hu idahhal aggravji li ma jitqajmux mill-partijiet. Wisq anqas ghandha l-Qorti tiehu konjizzjoni ta' aggravji li ma kienux tqajmu b'mod esplicitu quddiem it-Tribunal.'*

Hawn qed ngħid ċar u tond li Tribunal irid jiddeċiedi dwar dak li għandu quddiemu u mhux dwar dak li, f'għajnejh, jidher li jista' jkun opportun biex il-ġudizzju jkun 'aħjar'.

Hawnhekk jiġini f'moħħi l-każ fl-ismijiet **SC Hire Services vs L-Awtorita tal-Ippjanar (gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u l-kjamat in kawza Francis Vella**[2] fejn l-aggravju ta' l-appellant kien jikkonsisti filli minkejja li, skont hu (l-appellant), kienu jeżistu ċ-ċirkostanzi msemmija fit-**Tmien Skeda** (f'dan il-każ kategorija B) tal-**Kap 504** biex jingħata konċessjoni minn ordni ta' enforzar, l-Awtorita' ċaħditlu dik it-talba. It-Tribunal, min-naħa tiegħu, pero, ma tax tweġiba dwar jekk l-appellant kellux raġun jgħid hekk. *Invece*, it-Tribunal sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq il-pretest li appell ikun jagħmel sens meta hemm permess ta' żvilupp u, jew sanzjonar ta' żvilupp illegali – ħaġa, li l-appellant ma talabx li ssir indaġini

---

[1] Ara sentenza fl-ismijiet **Jean Paul Busuttil vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Diċembru 2014 (**Ap180/12**)

[2] Ara sentenza fl-ismijiet **SC Hire Services vs L-Awtorita tal-Ippjanar (gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u l-kjamat in kawza Francis Vella** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' Mejju, 2019 **(Ap6/19)**

dwarha. Bir-raġun, il-Qorti irrevokat id-deċiżjoni tat-Tribunal.

Ipotetikament, dawn ir-riljevi jibqgħu jgħoddu, ammenoke, it-Tribunal ma jkollux quddiemu kwistjoni ta' ordni pubbliku u l-istess Tribunal, kif obligat jagħmel, jirrileva tali kwistjoni *ex officio* billi jagħti ċans lill-partijiet jesprimu ruħhom fuq tali materja qabel imur għad-deċiżjoni. *Ergo,* hawn qed ngħid li jista' jkollok sitwazzjonijiet fejn it-Tribunal isib ruħu f'pożizzjoni li jidhirlu li tapplika *policy* li lanqas biss ikunu ħolmu dwarha l-partijiet. Biex inkun għidt kollox, pero', ma naf bl-ebda każ fejn it-Tribunal issospenda l-prolazzjoni ta' deċiżjoni biex jistieden lill-partijiet jiddibattu dwar xi pjan, *policy* jew liġi li l-partijiet ma jkunux semmew qabel fil-process.



ROBERT MUSUMECI
avukat - perit

www.robertmusumeci.com